# L-Induraturi Farrugia ta' l-Imdina

## Erba' Ġenerazzjonijiet ta' Induraturi:

*minn* **Kevin Farrugia**

Mitt sena u forsi aktar ta' xogħol fl-Induratura mill-familja Farrugia ta' l-Imdina ħalliet fil-knejjes u djar tagħna statwi, għamajjar u oġġetti ta' preġju sew artistiku kif ukoll ta' antikwarjat u tradizzjoni ta' artiġjanat.

**Ġużeppi Farrugia (1888-1958):** Tgħallem ma' Tumas Buġeja fir-Rabat Malta, fejn dam, 17-il sena bejn 1903-1920. Kien tul dan l-apprentistat li indura u ddekora l-istatwa artistika ta' San Ġużepp tal-Qala. Meta Ġużeppi telaq għal rasu qasam għal Għawdex mal-familja fejn beda joqgħod il-Victoria faċċata tad-dar tal-magħruf statwarju Wistin Camilleri. F'dan iż-żmien indura l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana, statwa tal-kartapesta li Wistinu ħadem fl-1920. Kemm dam hemm ħadem fuq ornamenti u dekorazzjonijiet ġo knejjes Għawdxin. Tul ħajtu ħadem mal-21 statwa, ħamsa minn dawn għal Għawdex, li ħafna minnhom għadhom f'kundizzjoni mpekkabli sal-lum. Fl-1924 rebaħ il-midalja tal-fidda tal-British Empire Exhibition li kienet saret għal xogħol indurat.

**Manwel Farrugia (1913-1997):** Tgħallem għal tliet snin ukoll ma' Tumas Buġeja u wara kompla jistudja ma' missieru. Manwel ma setgħax jaħdem fuq statwi biss. Is-suq għal dan ix-xogħol kien naqas għax missieru kien diġà ħadem bosta statwi u fuq kollox kien żmien il-gwerra. Għalhekk Manwel intefa' jaħdem fuq dekorazzjoni ta' knejjes, jindura l-iskultura u l-istukko li kienu joħolqu d-dekoraturi Maltin. Ħadem l-induratura tas-saqaf tal-knisja ta' Santu Wistin r-Rabat Malta (1957/58), il-Każin Malti l-Belt (1950); il-knisja tan-Naxxar mill-gwarniċun 'l isfel u l-kappelli; il-knisja u l-koppla tal-Għargħur; is-saqaf tal-knisja u l-kappella tal-kurċifiss tas-Siġġiewi; is-saqaf u l-gallarija ta' l-orgni u n-navi tal-knisja ta' San Ġorġ Ħal-Qormi. Ħadem ukoll fil-knisja ta' Ħal-Balzan; is-saqaf tal-Kattidral ta' l-Imdina u s-sitt kappelli fil-knisja tal-Karmnu l-Imdina.

**Horace Farrugia (1945- ):** Tgħallem kemm ma' missieru u man-nannu u ilu jaħdem din is-sengħa għal aktar minn erbgħin sena. Fost ix-xogħol ta' Horace insemmu l-mobbli u l-għamajjar li ndura għad-djar, numru kbir ta' oġġetti sagri, soqfa ta' knejjes u gallariji ta' l-orgni. Kompla żviluppa l-arloġġ Malti u ħoloq disinji surreali li jinħadmu bit-teknika ta' l-isgraffir. Indura mill-ġdid ma' l-erbatax 'il pedestall u rrestawra diversi oħrajn. Dawn l-istatwi ġew kollha ndurati minnu; Santa Marija f'Ħad-Dingli, Marija Bambina ta' l-Imtaħleb, Qalb ta' Ġesù tal-Fontana Għawdex, Santa Katarina f'Melbourne l-Awstralja, San Girgor f'tas-Sliema, l-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta, San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop, San Nikola tas-Siġġiewi, il-Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq, il-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura, l-Kunċizzjoni tal-Ħamrun, San Gejtanu tal-Ħamrun, Marija Bambina tan-Naxxar, San Bastjan ta' Ħal-Qormi, is-Salvatur ta' l-Għarb Għawdex, l-Annunzjata f'Ħal Balzan, is-Sacro



Cuor f'Tas-Sliema, Kristu Re għall-każin Fra Antoine De Paule u Santa Marija f'Ħal Għaxaq.

**Kevin Farrugia (1977- ):** Tgħallem kemm ma' missieru kif ukoll ma' nannuh. Ilu jitkisser fis-sengħa għal dawn l-aħħar 11-il sena. Għamel xogħlijiet għal djar privati, ħadem fuq diversi statwi ma' missieru u rrestawra xi wħud, fosthom ix-xogħol intensiv u delikat li sar fuq l-istatwa ta' San Mikiel fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu l-Belt. Speċjalizza fir-restawr f'Firenze u kompla żviluppa d-dekorazzjoni fl-arloġġ Malti. Kompla biex spiċċa xogħol mibdi minn bużnannuh fil-knejjes tan-Naxxar u Ħal Balzan. Fil-preżent Horace u Kevin qed jaħdmu fuq il-pedestall ta' San Ġuepp tal-Qala. Id-deheb kien instelaħ u neża ħafna. Dehru ħafna xpakkaturi u speċjalment fin-naha t'isfel kien hemm ħafna msiemer imsaddin li bdew jiżbokkaw il-ġibs il-barra. Dawn tneħħew u minflokhom daħlu minċotti ta l-injam. Dawn il-ħsarat ġew spjegati lill-Arċipriet u xi persuni oħra u ttieħdet id-deċiżjoni li ssir induratura mill-ġdid. Hekk kif beda x-xogħol l-iskultura ta' l-ornat inqalgħet kollha u nħadmet separatament. Il-pedestall ġie xkatlat, inksew bix-xoqqa l-partijiet maqsuma, stokkjat, partijiet minnu ġew mogħtija passati ta' ġibs mill-ġdid u mogħti l-boll biex ikun jista' jibda l-proċess tat-tqegħid tad-deheb. Wara li jitlesta l-proċess tat-tqegħid tad-deheb, isir l-inbornir ta' xi partijiet mill-pedestall li jridu jsiru luċidi u partijiet oħra jitħallew matti biex jinħoloq kuntrast u x-xogħol joħroġ isbaħ. Ix-xogħol qed isir skond is-sena ta l-imbornir *(water gilding)* b'deheb 24 karat ta' ħxuna doppja.

